MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 35/2006

Maltacom plc [C 22334]

vs

Joseph Sultana [ID. 86547(G)]

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' elfejn sitt mija u tlieta u erbghin lira maltin u centezmu wiehed [Lm2,643,01] rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21565071 [A/C no. 10225725), liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru 8, Triq Gnien Xibla, Xaghra, Ghawdex, skond kif jidher mill-kopja tas-*service agreement* hawn anness u mmarkat bhala dokument 'A'.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut gie debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-3 ta’ Novembru 2006, u ghalhekk it-terminu moghti mill-ligi ghar-risposta ghadda.

Billi ghalkemm innotifikat regolarment il-konvenut baqa’ ma deherx ghall-udjenza tal-ewwel (1) ta’ Dicembru 2006, ghal liema gurnata kienet appuntata l-kawza, u wkoll wara li l-kawza giet debitament imsejha skond il-ligi, l-konvenut baqa’ xorta wahda ma deherx, u dan bla ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehera tieghu.

Sema’ l-provi tas-socjeta’ attrici u ezamina d-dokumenti esibiti minnha.

Billi t-talba tas-socjeta’ attrici kif konfermata u spjegata mix-xhud Emanuel Cini li xehed fil-kwalita’ tieghu ta’ Area Technical Officer ghall-gzira ta’ Ghawdex fl-udejnza tal-ewwel (1) ta’ Dicembru 2006, ma giet bl-ebda mod opposta jew ikkontestata mill-konvenut.

Wara li ra l-artikoli 3(2), 9(2)(a), u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi billi jqis t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba bhala gustifikata u filwaqt li qed jilqa’ l-istess talba limitatament ghas-somma ta’ elf u hames mitt lira maltin (Lm1,500) salv impregudikat id-dritt tal-istess socjeta’ attrici ghall-kumplament, u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf u hames mitt lira maltin (Lm1,500) ammont dovut bhala hlas li l-konvenut halla pendenti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21565071 [A/C no. 10225725) bl-imghax legali b’effett mid-data ta’ dina d-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------